Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G 10/11 (JE).

Vincienne Zammit

vs

Caprice Glass Works Ltd.

Illum, 7 ta' Settembru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Vincienne Zammit ta 15 ta' Diċembru 2011 fejn stqarret illi xtrat mera mingħand is-soċjetà konvenuta li tikkonsisti fi tlett biċċiet u li tiswa ħames mija u tnejn euro u 22 ċenteżmu (€ 502.22). Waħda minn dawn il-biċċiet fiha toqba sabiex tkun tista' teħel fuq l-iswitch li hemm mal-ħajt. Wara xi tlett ġimgħat, din il-biċċa tal-mirja ġratielha l-ħsara fil-kantuniera tat-toqba ta' l-iswitch u qiegħda titlob illi tinbidel mingħajr l-ebda ħlas.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha ikkontestat it-talba attriċi għaliex sostniet illi l-mirja twaħħlet u tħalliet f'postha għas-sodisfazzjon tal-klijenta u ma tafx jekk dak li ġara kienx għax l-iswitch ma ntużax b'mod normali.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi m'huwiex in disputa illi l-mirja in kwistjoni xxaqqet f'xi żmien wara li twaħħlet. Id-difiża tas-soċjetà konvenuta hi illi hija ħalliet il-mirja sew wara li twaħħlet u ipotizzat illi din il-mirja xxaqqet għaliex il-mirja espandiet bis-sħana (ara Dok. VZ). Jekk dan hu minnu, xorta s- soċjetà konvenuta kienet fid-dmir illi tieħu l-qies tat-toqba b'tali mod u manjiera illi ma jiġriex dak li ġara u jekk hemm bżonn, tinfilza materjal biex jagħmel tajjeb għall-espansjoni tal-mirja. Illi fi kwalunkwe każ, it-Tribunal m'huwiex konvint illi l-mirja xxaqqet minħabba tali espansjoni u jipotizza illi dak li ġara kien probabilment ir-riżultat ta' żball waqt it-tqegħid illi ma deherx mill-ewwel.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jaċċetta t-talba attriċi u qed jikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tbiddel il-mirja in kwistjoni mingħajr l-ebda ħlas addizzjonali kif mitlub.

Bl-ispejjeż għall-istess soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis

Arbitru.